MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 1185/2005

**Francis Cachia (I.D. 499744 (M), Georgina Cachia (I.D. 575331), Rita Chircop (I.D. 554537), Josephine Gauci (I.D. 234031 M), Joseph Borg (I.D. 46043 G) ghan-nom u in rappresentanza tal-assenti Frances Camilleri u Silvia Camilleri; Joan Cauchi (I.D. 1090547 M) f'isimha proprju u ghan-nom u in rappresentanza tal-assenti Joseph Bonello, Salvatore Bonello, Anthony Bonello, Emanuel Bonello, Sylvia Taliana, Frances Rigby, Carmen Frachette, Mary Rose Bonnici, Mary Balzan, u Alfred Bonello; Saviour Cachia (I.D. 294546 M) f'ismhu proprju u ghan-nom u in rappresentanza tal-assenti Alfred Cachia, Salvina Brincat, Pauline Lloyd, Helen Hammett, Joseph Gatt, Francis Gatt, Rita Galea, Emanuel Cachia, u Julie Zammit, Charmel Cachia u *stante* l-mewt tieghu fil-mori tal-kawza b'digriet datat 13 ta' Settembru 2006 giet ordnata t-trasfuzjoni tal-gudizzju minn Charmel Cachia f'isem eredi tieghu John Cachia, Sam Cachia, Ron Cachia, Mary Micallef xebba Cachia, Carmen Micallef xebba Cachia u Julinne Folino xebba Cachia; Mary Hili, Carmen Hili,**

**Michael Cachia, Mary Iris Attard, Joseph Cachia, Frances Xerri, Sylvia Micallef u Irene Baldacchino.**

**vs**

**Charles Cachia, Mary Rose Xerri, Josephine Ghiller, Antoine Cachia, Charles Cachia, Priscilla Ghirxi u Sylvana Attard u Dr. Tonio Azzopardi u l-P.L. Liliana Buhagiar li b'digriet tat-3 ta' Jannar 2006 gew appuntati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti Irene Caruana u George Cachia u l-eredi jew l-aventi kawza mhux maghrufa ta' Joseph Cachia.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 12 ta' Dicembru 2005 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti huma lkoll neputijiet u pro-neputijiet tal-mejtin Salvatore u Carmela konjugi Cachia;

Illi l-imsemmija Salvatore u Carmela konjugi Cachia hallew bhala eredi universali taghhom lill-uliedhom Giovanna Pisani, Concetta Elizabeth Bonello, Joseph Cachia, Emmanuel Cachia, Antonietta Barbara, Felix Cachia, Anthony Cachia, u lill-atturi Francis Cachia, Georgina Cachia u Rita Chircop bhala wlied binha defunt Francis Cachia.

Illi l-attrici Josephine Gauci hija eredi universali ta' ommha l-mejta Giovanna Pisani maghrufa wkoll bhala Giovanna Neal.

Illi l-atturi assenti Frances Camilleri u Silvia Camilleri huma eredi universali ta' ommhom Antionetta Barbara.

Illi l-attrici Joan Cachia flimkien ma' hutha l-assenti Joseph Bonello, Salvatore Bonello, Anthony Bonello, Emanuel Bonello, Sylvia Taliana, Frances Rigby, Carmen

Frachette, Mary Rose Bonnici, Mary Balzan u Alfred Bonello, huma eredi universali ta’ ommhom Concetta Elizabeth Bonello.

Illi l-atturi Saviour Cachia u l-atturi assenti Alfred Cachia; Salvina Brincat; ulied il-mejta Carmena Gatt, ossija Pauline Lloyd, Helen Hammett, Joseph Gatt, Francis Gatt u Rita Galea; ulied il-mejjet Charlie, ossia Emanuel Cachia u Julie Zammit, huma lkoll eredi tal-mejjet Emmanuele Cachia.

Illi l-atturi assenti Charmel Cachia, Mary Hili, Carmen Hili, Michael Cachia, Mary Iris Attard, Joseph Cachia, Frances Xerri, Sylvia Micallef u Irene Baldacchino, huma lkoll eredi ta’ Felix Cachia.

Illi l-atturi huma flimkien mal-konvenuti proprjetarji tal-fondi 25, Triq il-Ponta, Isla; 25, Triq il-Genna, Isla, u 68, Triq iz-Zejtun, Marsaxlokk.

Illi l-atturi ma jridux jibqghu fi stat ta’ ko-proprjeta’ flimkien mal-konvenuti l-ohra.

Illi ghalhekk l-atturi talbu li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi:-

(1) Tordna d-divizzjoni ta’ l-immobbli fuq imsemmija skond il-porzjoni li kull wiehed mill-kontendenti ghandu fil-proprjeta u f’kaz li l-proprjetajiet m’humiex komodament divizibbli tordna l-bejgh in licitazzjoni prevja l-hatra ta’ perit sabiex jaghmel il-valutazzjoni taghhom, u l-qasma tar-rikavat bejn il-kontendenti skond is-sehem li kull wiehed ghandu fihom.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 7 tal-process;

Rat id-dikjarazzjoni annessa mac-citazzjoni attrici.

Rat l-elenku ta’ dokumenti esebiti u l-lista ta’ xhieda annessa mac-citazzjoni attrici.

Rat li dan il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-23 ta’ Marzu 2008.

Rat l-atti kollha relattivi li bihom l-Avukat Dr. Tonio Azzopardi u l-P.L. Liliana Buhagiar b’digriet datat 3 ta’ Jannar 2006 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti Irene Caruana u George Cachia u l-eredi jew l-aventi kawza mhux maghrufa ta’ Joseph Cachia (fol. 24 sa fol. 57).

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijijiet tal-kuraturi deputati premessi datata 22 ta’ Frar 2006 (fol. 64) fejn ecceppew:-

(1) Illi l-eccipjenti mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk qeghdin jirriservaw li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-kuraturi deputati annessa mal-istess nota ta’ l-eccezzjonijiet.

Rat il-lista ta’ xhieda tal-istess kuraturi deputati (fol. 65).

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta’ Marzu 2006 fejn fuq talba ta’ Dr. Ruth Scott ghall-attrici l-Qorti ordnat li n-notifika tal-konvenuti ssir skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 187 (3) tal-Kap 12.**

Rat li saru n-notifiki permezz tal-pubblikazzjoni f’gazzetta lokali, fil-gazzetta tal-gvern u bl-affissjoni skond il-ligi.

Rat li l-istess konvenuti hekk notifikati bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smigh tal-kawza ma dehrux u lanqas prezentaw nota ta’ eccezzjonijiet u ghalhekk baqghu kontumaci.

Rat in-nota tal-atturi datata 31 ta’ Awissu 2006 fejn gew esebiti l-affidavits ta’ Francis Cachia (Dok. “FC 1”) u ta’ Saviour Cachia (Dok. “FC 2”).

Rat id-digriet datat 13 ta’ Settembru 2006 fejn wara rikors tal-atturi datat 12 ta’ Settembru 2006 konsegwenti ghall-mewt ta’ Carmel *sive* Charmel Cachia, il-Qorti ordnat li minhabba l-mewt tal-istess issir t-trasfuzzjoni tal-gudizzju f'isem l-eredi tieghu John Cachia, Sam Cachia, Ron Cachia, Mary Micallef xebba Cachia, Carmen Micallef xebba Cachia u Julinne Folino xebba Cachia.

Rat s-seduta u d-digriet datat l-1 ta’ Novembru 2006 fejn fuq talba tal-atturi gie nominat il-Perit Mario Cassar sabiex jaghmel stima tal-fondi mmobbli mertu tal-kawza odjerna u sabiex jiddikjara jekk l-istess fondi humiex komodament divizibbli (fol. 84).

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku A.I.C. Mario Cassar datat 2 ta’ Marzu 2007 fejn gie ddikjarat li l-ebda wiehed mill-fondi ma huwa komodament divizibbli u fejn gie ddikjarat li (a) l-fond 25,  Triq il-Ponta l-Isla ghandu valur liberu u frank ta’ €41,928.72 (Lm18,000) u ta’ €9,317.49 (Lm4,000) jekk il-fond jigi kkunsidrat li huwa suggett ghal xi kirja; (b) li l-fond 25, Triq il-Genna, L-Isla huwa mikri *verso* l-kera ta’ €69.88 (Lm30) fis-sena lil Joseph Catania u l-valur tieghu hekk mikri huwa ta’ €18,634.99 (Lm8,000) mentri hekk jigi kkunsidrat bhala liberu u frank l-valur tieghu jitla’ ghal €93,174.94 (Lm40,000); (c) li l-fond 68, Triq iz-Zejtun, Marsaxlokk ghandu valur ta’ €51,246.21 (Lm22,000) jekk liberu u frank, izda hemm pretensjoni li l-fond huwa mikri lil Carmel Cachia *verso* l-kera ta’ €23.29 (Lm10) fis-sena u f’dan il-kaz il-valur tal-fond huwa ta’ €12,811.55 (Lm5,500). In eskussjoni sostna li huwa ma ra l-ebda dokumenti dwar l-allegati kirjiet indikati.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta’ Gunju 2008 fejn dehret Dr. Ruth Scott ghall-atturi u Dr. Philip Manduca ghal uhud mill-konvenuti u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta’ Gunju 2008.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-kontendenti huma lkoll neputijiet u pro-neputijiet tal-mejtin Salvatore u Carmel konjugi Cachia;

Illi l-imsemmija Salvatore u Carmen konjugi Cachia (Dok. “CC 3” – denunzja Carmen Cachia) hallew bhala eredi universali taghhom lill-uliedhom Giovanna Pisani, Concetta Elizabeth Bonello, Joseph Cachia, Emmanuele Cachia, Antonietta Barbara, Felix Cachia, Anthony Cachia, u lill-atturi Francis Cachia, Georgina Cachia u Rita Chircop bhala wlied binha defunt Francis Cachia u b’hekk kull parti hawn indikata bhal wild tal-istess konjugi ghandha wiehed minn tmien parti (1/8) mill-istess eredita, li *stante* l-mewt ta’ wiehed minn ulied l-istess kunjoni tali porzjoni ta’ wiehed minn tmien parti (1/8) tinqasam bejn uliedu hawn indikati l-atturi Francis Cachia, Georgina Cachia u Rita Chircop.

Illi jirrizulta li l-istess konjugi Cachia kellhom bhala fondi 25, Triq il-Ponta, Isla; 25, Triq il-Genna, Isla, u 68, Triq iz-Zejtun, Marsaxlokk li allura ddevolvew fuq l-istess indikati ulied taghhom u ulied ta’ Francis Cachia.

Illi jirrizulta mill-arblu tar-razza prezentat mac-citazzjoni attrici (Dok. “CC 4”) li l-istess ulied tal-imsemmija Salvatore u Carmela Cachia llum huma ilkoll mejta, b’dan li s-sehem ta’ Giovanna Pisani (Dok. “CC 1” – kopja tad-denunzja taghha) mar fuq Josephine Gauci li allura ghandha wiehed minn tmien (1/8) parti mill-istess fondi; l-eredi ta’ Concetta Elizabeth Bonello (Dok. “CC 2” – dikjarazzjoni *causa mortis* datata 28 ta’ Ottubru 2004) huma Joan Cauchi, Joseph Bonello, Salvatore Bonello, Anthony Bonello, Emanuele Bonello, Sylvia Taliana, Frances Rigby, Carmen Frachette, Mary Rose Bonnici, Mary Balzan u Alfred Bonello, li allura bejniethom jaqsmu wiehed minn tmien parti (1/8) tal-istess assi formanti l-eredita’ indikata; l-eredi ta’ Joseph Cachia li ma humiex maghrufa; l-eredi ta’ Emanuele Cachia li huma Saviour Cachia, Alfred Cachia, Salvina Brincat, u Charlie Cachia

(li miet u l-eredi tieghu huma Emmanuel Cachia u Julie Zammit) u Carmena Gatt (li mietet u l-eredi taghha huma Pauline Lloyd, Helen Hammett, Joseph u Francis Gatt, u Rita Galea) li bejniethom ghandhom ukoll wiehed minn tmien parti (1/8) (bis-sehem ta' Carmena Gatt u Charlie Cachia jinqasam bejn l-eredi taghhom); Antionette Barbara li l-eredi taghha huma Frances u Silvia Camilleri li b'hekk bejniethom ghandhom sehem iehor ta' wiehed minn tmien parti (1/8); Felix Cachia, li wkoll miet u l-eredi tieghu huma Charmel Cachia (li miet fil-mori tal-kawza u s-sehem tieghu mar ghand l-eredi tieghu John, Sam, u Ron Cachia, Mary Micallef xebba Cachia, Carmen Micallef xebba Cachia, u Julinne Folino xebba Cachia), Mary Hili, Carmen Hili, Michael Cachia, Mary Iris Attard, Joseph Cachia, Francis Xerri, Sylvia Micallef u Irene Baldacchino li bejniethom ghandhom s-sehem iehor ta' wiehed minn tmien parti (1/8); Anthony Cachia li miet u s-sehem tieghu ddevolva fuq  Irene Caruana, George u Charles Cachia, u Saviour Cachia (li miet u s-sehem tieghu mar fuq Charles Cachia, Mary Rose Xerri, Josephine Ghiller, Antoine Cachia, Priscilla Ghirxi u Sylvana Attard) u  bejniethom ghandhom sehem iehor ta' wiehed minn tmien parti (1/8); u fl-ahharnett Francis Cachia li s-sehem taghha ta' bejniethom ghandhom s-sehem iehor ta' wiehed minn tmien parti (1/8) mar fuq Francis u Georgina Cachia u Rita Chircop kollox kif jidher mill-arblu tar-razza (Dok. "CC 4") u d-dokumenti a fol. 5 tal-process li jindika l-lista ta' ko-proprjetarji u s-sehemijiet rispettivi, b'dan li mal-istess iridu jigu ritokkati peress li s-sehem ta' Charmel Cachia li miet fil-mori tal-kawza waqa' fuq l-eredi tieghu John, Sam, u Ron Cachia, Mary Micallef xebba Cachia, Carmen Micallef xebba Cachia, u Julinne Folino xebba Cachia fuq indikati.

Illi jirrizulta li l-fondi fuq indikati ma humiex komodament divizzibbli u allura sabiex kullhadd jiehu s-sehem lilu spettanti mill-istess hemm bzonn li jsir il-bejgh ta' l-istess b'licitazzjoni sabiex mir-rikavat ta' l-istess kull hadd jiehu s-sehem tieghu skond dak indikat f'din id-decizjoni, anke peress li tali kwoti fuq indikati bl-ebda mod ma gew ikkontestati.

Illi ma jidhirx li dan gie b'xi mod ilkontestat u ghalhekk din il-Qorti thoss li t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha fis-sens hawn deciz u skond id-disposizzjonijiet tas-**Sub-titolu III tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenuti, u fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati nkwantu l-istess huma b'xi mod inkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet biss fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

(1) Tordna li la darba l-proprjetajiet fuq indikati konsistenti fil-fondi 25, Triq il-Ponta, Isla; 25, Triq il-Genna, Isla, u 68, Triq iz-Zejtun, Marsaxlokk ma humiex komodament divizibbli, tordna l-bejgh in licitazzjoni ta' l-istess immobbli bl-ammissjoni tal-oblaturi estranei u prevja l-pubblikazzjoni tal-istess subbasta permezz ta' avvizi mahruga f'zewg gurnali ta' kuljum, wiehed bil-Malti, u l-iehor bl-Ingliz fit-termini ndikati fl-**artikolu 517 tal-Kap 16,** u kollox skond il-proceduri provduti mil-ligi ghal tali bejgh b'subbasta ta' immobbli b'dan li mir-rikavat ta' l-istess bejgh kull wiehed mill-kontendenti jiehu s-sehem tieghu mill-istess skond il-kwoti ndikati f'din l-istess decizjoni.

Bl-ispejjez jinqassmu bejn il-partijiet skond il-kwota rispettiva taghhom hawn indikata f'din id-decizjoni.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------